RIŻOLUZZJONI (UE) 2021/1651 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-29 ta' April 2021

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2019

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2019,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0076/2021),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tiegħu ([1]), il-baġit finali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (l-"Istitut") għas-sena finanzjarja 2019 kien jammonta għal EUR 557 896 982,73, li jirrappreżenta żieda ta' 21,80 % meta mqabbel mal-2018; billi l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għall-baġit tal-Istitut għall-2019 kienet tammonta għal EUR 378 562 704,82, li jirrappreżenta żieda ta' 20,99 % meta mqabbel mal-2018;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2019 (ir-"rapport tal-Qorti"), iddikjarat li l-Qorti kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Istitut huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2019 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 97,04 %, li tirrappreżenta żieda ta' 4,99 % meta mqabbla ma' dik tal-2018; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 97,57 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,23 % meta mqabbla mal-2018;

2. Jinnota, mir-rapport tal-Qorti, li l-proċeduri ta' kontroll tal-Istitut ġeneralment ħadmu kif maħsub, minbarra pagament ta' EUR 1 200 għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, li l-kuntratt ta' servizz ma kienx jipprevedi; jinnota, mir-risposta tal-Istitut lill-Qorti, li l-pagament inkwistjoni jirreferi għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba minn membru interim tal-persunal, li wettaq missjoni fl-interess tas-servizz, madankollu l-Istitut irrikonoxxa l-iżball tiegħu u se jagħmel l-aġġustamenti legali meħtieġa;

Prestazzjoni

3. Jirrikonoxxi li l-Istitut juża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-livell tal-Istitut u tal-komunità ta' konoxxenza u innovazzjoni (KKI); jinnota li fir-rigward tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-KKI, l-Istitut kejjel il-prestazzjoni tiegħu permezz ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tradizzjonali ta' Orizzont 2020, bħaż-żmien għall-għotja u ż-żmien għall-ħlas; jinnota li, wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mill-Kummissjoni u l-Istudju dwar l-Impatt tal-Istitut tal-2017, l-Istitut bħalissa qed jaħdem biex jistabbilixxi Qafas ta' Impatt ħalli jkejjel l-impatt soċjoekonomiku tal-attivitajiet KKI tiegħu;

4. Jinnota li l-Istitut implimenta 95 % tal-programm ta' ħidma tiegħu għall-2019;

5. Jinnota li l-Istitut esternalizza s-servizzi kontabilistiċi lill-Kummissjoni u introduċa l-għodod tal-IT tal-Kummissjoni, bħall-ARES għall-ġestjoni tad-dokumenti u s-SYSPER għall-ġestjoni tar-riżorsi umani;

6. Jinnota li l-Istitut identifika u evalwa l-possibbiltà li jikkoopera u jikkondividi r-riżorsi mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi, u li jesplora aktar possibbiltajiet; jistieden lill-Istitut isegwi l-opportunitajiet identifikati għall-kondiviżjoni tar-riżorsi; jistieden lill-Istitut ikompli jiżviluppa s-sinerġiji tiegħu u jżid il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki mal-aġenziji l-oħra tal-Unjoni bil-għan li jtejjeb l-effiċjenza (ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà);

([1]) ĠU C 143, 30.4.2020, p. 22.

7. Jisħaq fuq l-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Istitut f'termini ta' proċeduri ta' operazzjonijiet u ġestjoni interni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istitut ikompli jkun proattiv f'dak ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji tal-Unjoni akkost ta' kollox; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

Politika dwar il-persunal

8. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2019, 97,73 % tat-tabella tal-persunal kienet implimentata, bi 43 aġent temporanju maħtura minn total ta' 44 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 44 post tax-xogħol awtorizzati fl-2018); jinnota li, barra minn hekk, fl-2019 kienu jaħdmu għall-Istitut 22 aġent kuntrattwali u l-ebda espert nazzjonali sekondat;

9. Jinnota, fir-rigward tal-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bord tat-tmexxija għall-2019, li hemm erbat irġiel u tmien nisa; jitlob lill-Kummissjoni tqis l-importanza li tiżgura bilanċ bejn il-ġeneri meta tinnomina lill-membri għall-bord tat-tmexxija tal-istitut; jinnota li fl-2019 l-Istitut kien ibbilanċjat b'mod ġust fir-rigward tal-ġeneru fil-livell tal-persunal (46 % irġiel u 54 % nisa);

10. Jilqa' l-fatt li l-Istitut stabbilixxa politiki soċjali, li jinkludu miżuri mtejba fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-iskola preprimarja u finanzjament ta' attivitajiet soċjali mmirati biex jattiraw u jżommu għadd akbar ta' persunal espatrijat;

11. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li ż-żieda kbira fil-baġit tal-Istitut u l-għadd dejjem akbar ta' KKI ma kinux akkumpanjati minn żieda fl-għadd ta' postijiet; jinnota, mir-rapport tal-Qorti, li l-baġit tal-Istitut se jiżdied b'EUR 600 000 000 oħra, jew 25 %, fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, meta mqabbel mal-QFP attwali, u li l-għadd ta' persunal jibqa' limitat għal 70; jinnota wkoll, mir-rapport tal-Qorti, li hemm riskju li l-Istitut ma jkollux biżżejjed kapaċità biex jittratta ż-żieda fl-ammont ta' xogħol tiegħu fil-futur, u li dan ir-riskju kompla jiżdied, minflok ma ttaffa;

12. Jinnota, mir-rapport tal-Qorti, li l-implimentazzjoni ta' osservazzjoni li tirriżulta mill-2017 dwar il-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' postijiet vakanti għadha għaddejja, peress li l-Istitut ma jtellax b'mod konsistenti l-postijiet vakanti tiegħu fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal;

13. Jinkoraġġixxi lill-Istitut jimmira li jiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà;

Sostenibbiltà

14. Jiddispjaċih li l-Istitut għadu ma ffissax objettivi ta' tnaqqis ta' CO_2; jilqa' pożittivament, madankollu, l-isforzi li għamel l-Istitut biex joħloq qafas ta' ħidma li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent kif ukoll il-miżuri kollha li ħa l-Istitut bil-għan li jnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu, il-konsum tal-enerġija tiegħu u jiżviluppa fluss tax-xogħol mingħajr karti;

Akkwist

15. Jinnota li l-Istitut ipparteċipa f'għadd ta' proċeduri ta' akkwist interistituzzjonali tal-Kummissjoni u ta' aġenziji oħra tal-Unjoni; jinnota li fl-2018 l-Istitut introduċa sejħa għall-offerti elettronika u sottomissjoni elettronika ta' offerti u pproċessa diversi sejħiet għall-offerti permezz ta' għodod tal-akkwist elettroniku fl-2019;

16. Jinnota li fl-2019 l-Istitut nieda attività ta' monitoraġġ ġdida dwar il-politiki u l-proċeduri ta' akkwist tal-entitajiet legali tal-KKI u ċ-ċentri ta' kolokazzjoni tagħhom bħala segwitu għall-assenjazzjoni ta' esperti tal-2016-2017;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, trasparenza u demokrazija

17. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti tal-Istitut u l-isforzi kontinwi biex jiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u biex jiżgura l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota li l-Istitut ippubblika d-dikjarazzjonijiet tal-kunflitti ta' interess u s-CVs tal-bord tat-tmexxija tiegħu u tal-maniġment superjuri tiegħu fuq is-sit web tiegħu;

18. Jinnota li l-Istitut irrapporta każ wieħed ta' informatur fl-2019 u li r-regoli interni ġew applikati; jistieden lill-Istitut jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi ta' dak il-każ;

19. Jinnota li l-valutazzjoni tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tal-KKI tal-prinċipji ta' governanza tajba tista' tittejjeb aktar, peress li xi KKI għandhom itejbu l-kodiċi ta' kondotta tajba u l-politiki tagħhom dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ; jinnota li dan l-aspett se jiġi segwit mill-Istitut fl-2020 permezz ta' attività ta' monitoraġġ orizzontali; jistieden lill-Istitut jirrapporta dwar ir-riżultati;

20. Jenfasizza l-fatt li l-qafas etiku attwali li japplika għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni jbati minn żvantaġġi konsiderevoli minħabba l-frammentazzjoni tiegħu u n-nuqqas ta' konsistenza bejn id-dispożizzjonijiet eżistenti; jenfasizza li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati billi jiġi stabbilit qafas etiku komuni, li jiżgura l-applikazzjoni ta' standards etiċi għoljin għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji kollha tal-Unjoni;

21. Jissottolinja li ċerti uffiċjali jimlew dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess u jipprovdu awtovalutazzjonijiet fir-rigward tar-rispett tal-istandards etiċi; jenfasizza, madankollu, li tali awtodikjarazzjonijiet u awtovalutazzjonijiet mhumiex biżżejjed u li għalhekk huwa meħtieġ skrutinju addizzjonali;

Kontrolli interni

22. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern iffinalizza l-awditu tiegħu dwar il-verifika *ex ante* tal-pagamenti lill-KKI fil-31 ta' Jannar 2019 u bagħat nota dwar l-azzjonijiet ta' segwitu tar-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-awditu dwar il-monitoraġġ tal-ftehimiet ta' għotja; jinnota li rakkomandazzjoni waħda ġiet implimentata b'mod adegwat u żewġ rakkomandazzjonijiet għadhom miftuħa;

23. Jinnota l-għadd ta' kwistjonijiet pendenti u miżuri rimedjali li għaddejjin b'reazzjoni għall-kummenti tal-Qorti fl-2014, fl-2017 u fl-2018 relatati b'mod partikolari mal-kundizzjonijiet ta' finanzjament; jinnota r-risposta tal-Istitut li mid-19-il kumment, sebgħa biss għadhom miftuħa; jinnota, barra minn hekk, li tlieta huma lil hinn mill-kontroll tal-Istitut u li tlieta oħra jirrikjedu perjodu itwal ta' żmien biex jitlestew kompletament;

Kummenti oħra

24. Ifaħħar l-involviment proattiv tal-Istitut mal-midja biex jiżviluppa viżibbiltà akbar fil-midja, l-internet u l-midja soċjali sabiex jagħmel xogħla magħruf;

25. Jilqa' l-fatt li l-Istitut tejjeb il-preżenza tiegħu fuq il-midja soċjali, billi żied l-involviment ġenerali tiegħu fuq diversi pjattaformi tal-midja soċjali; jinnota, barra minn hekk, l-isforzi tal-Istitut biex il-post tax-xogħol ikun kosteffikaċi u ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; jitlob lill-Istitut ikompli jtejjeb il-preżenza tiegħu fuq il-midja soċjali u l-istrateġija tiegħu għall-iżvilupp sostenibbli;

26. Jilqa' l-isforzi tal-Istitut biex iżid iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data; jinnota l-proċess ta' implimentazzjoni tal-Istitut tal-politika ġenerali dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, inklużi l-aspetti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni taċ-ċibersigurtà; jistieden lill-Istitut jirrapporta dwar ir-riżultat ta' dak il-proċess;

27. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 ([2]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([2]) Testi adottati, P9_TA(2021)0215.